**Laqgħa Numru 1**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**2 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Ix-Xewkija. Il-laqgħa bdiet fis-1.15 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Kunsillier

Paul Azzopardi - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsillier

Johnny Vella -Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):
n/a

ASSENTI
n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa bdiet fis-1.15pm b'talba.

## 1.1 Ħatra ta' Sindku

1.1 Il-laqgħa tmexxiet minn Domenic Zerafa hekk kif dan kien l-aktar Kunsillier anzjan li konitnwament serva fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit li fl-aħħar elezzjoni eleġġew il-maġġoranza tal-kunsilliera.

1.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa spjega li l-Kunsillier Hubert Saliba kien dak il-Kunsill li ġab l-akbar ammont ta' voti mill-partit li kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet u għalhekk demokratikament il-Kunsillier li ghandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Hubert Saliba aċċetta din il-kariga fil-preżenza tal-kumplament tal-Kunsilliera eletti.

1.3 Is-Sindku Hubert Saliba għamel diskors qasir fejn spjega li bil-kooperazzjoni tal-Kunsilliera jemmen li l-Kunsill jista' jkompli jaħdem u wieħed jara Xewkija aħjar milli hi. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-insinja flimkien mal-badge waqt li ingħata ukoll iċ-ċwievet tal-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill mis-Sindku uxxenti.

## 1.2 Ħatra ta' Viċi-Sindku

1.2 Il-Kunsillier Paul Azzopardi ġie mistoqsi ukoll jekk hux qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku hekk kif hu kien ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti minn fost il-partit politiku li ġab il-maġġoronza tas-siġġijiet. Is-Sur Paul Azzopardi aċċetta din il-kariga.

Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lis-Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsilliera eletti sabiex fit-3 ta' Lulju 2019 jattendu għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Guramenti tas-Sindku u Viċi-Sindku fi Pjazza Indipendenza, Ir-Rabat, Għawdex fis-6.00pm.

## 1.3 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.

1.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1.30pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, illum **8 ta' Lulju 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |